MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-15 ta' April, 2014

Numru. 387/2014

**IL-PULIZIJA**

**(SPETTUR CAROL FABRI)**

**VS**

**OMMISSIS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

OMMISSIS

Talli;

Fit-13 ta' April 2014 ghall-habta tas-19:00hrs gewwa Birzebbuga:

B`nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni jew b`nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b`nuqqas ta` tharis ta` regolamenti, ikkaguna feriti ta` natura hafifa fuq il-persuni ta` Haoi Thuong Do Nguyen, detentrici tal-karta tal-identita` numru 50729A u Mark Anthony Bonello, detentur tal-karrta tal-identita` numru 193095M skond kif iccertifikati minn Dr. Mark Aquilina (med reg 3419) u Dr. David Fenech (med reg 2555) mic-Centri tas-Sahha ta` Rahal Gdid u l-Floriana rispettivament;

Kif ukoll talli fl-istess data, hin u lok b`nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni jew b`nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b`nuqqas ta` tharis ta` regolamenti, ghamel xi hsara jew hassar jew gharraq vetturi bin-numru ta-registrazzjoni DBT 475 tal-marka Volkswagen Passat Sport, FBM927 tal-Marka Toyota Starlet, u LOR343 tal-marka Opel Astra;

Kif ukoll talli fl-istess data, hin u lok saq l-vettura tal-ghamla Honda Civic bin-numru ta` registrazzjoni DBQ 949 b`manjiera perikoluza u traskurata u b`velocita` eccessiva;

Kif ukoll talli fl-istess data, hin u lok bhala xuffier tal-imsemmija vettura, naqas li jieqaf u jaghti l-isem u l-indirizz tieghu, l-isem u l-indirizz tas-sid tal-vettura, id-dettalji tal-assiguratur tal-vettura kif ukoll il-marka jew numru tar-registrazzjoni tal-vettura skond il-htiega lill-Ufficjal tal-Pulizija, Gwardjan Lokali jew persuna ohra kif ukoll naqas li javza minnufih lil Gwardjan Lokali u, jew lil Pulizija, u tihom dik l-informazzjoni li tista` tkun mehtiega;

Kif ukoll talli fl-istess data, hin u lok saq jew ipprova issuq jew kellu il-kontroll ta` vettura bil-mutur jew vettura ohra li kienet fit-triq jew f`post pubbliku iehor meta ma kienx f`kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi;

Kif ukoll talli fl-istess data, hin u lok saq, ipprova  issuq jew kien fil-kontroll ta` vettura bil-mutur jew vettura ohra li kienet fit-triq jew f`post pubbliku iehor wara li kien ikkunsma tant alcohol li l-proprzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt;

Kif ukoll talli fl-istess data, hin u lok attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b`hebb ta` xorta li ma jisqiex vjolenza pubblika kontra PS 1602 M Mifsud, persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi  ta` dak is-servizz;

Kif ukoll talli fl-istess data, hin u lok naqas li jobdi l-ordnijiet leggittimi tal-Awtorita` jew ta` persuni nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallix jew fixkel lil PS1602 Marco Mifsud waqt il-qadi ta` dmirijietu, jew b`xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijietu, billi ma hallix lil haddiehor jaghmel dak li b`Ligi kien ordnat jew jista` jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-Ligi;

Kif ukoll talli fl-istess data, hin u lok f`lok pubbliku jew miftuh ghal pubbliku, kien fis-sakra b`mod li ma kienx jista` jiehu hsieb tieghu nnifsu;

Kif ukoll talli fl-istess data, hin u lok qal kliem fahxi li jikkonsisti f`dagha fil-pubbliku kif ukoll volontarjament kiser il-paci prubblika b`ghajjat.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 221, 226(1)(c), 328(d), 96(a), 95, 338(dd), 338(ee), 338(ff), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kif ukoll l-Artikoli 15(1) (a) (2) , 15A, 15B tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

U r-Regolament 67(1) (5) tal-Legislazzjoni Sussidjarja S.L.65.11;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, din il-Qorti giet ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi sethget tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssibb lill-istess imputat hati skond l-akkuzi dettota kontra tieghu u ghaldaqstant qieghda tikkundanah piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba` snin, ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kif ukoll tikkundannah multa ta` erbat elef ewro (€4,000);

Finalment tordna l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal sitt xhur fil-konfront ta’ l-imputat.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------